**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Joseph Busuttil]**

**vs**

**Ryan Cassar**

**Kumpilazzjoni Numru: 51/2024**

**Illum, 9 ta' April, 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Ryan Cassar detentur tal-karta tal-identità numru 365305L

1. Akkuzat talli fl-4 ta' Jannar 2024 u fil-gimghat u xhur ta' qabel ġewwa il-Kalkara u f'dawn il-Gzejjer ghamel jew ipproduċa jew ippermetta li jiġi maghmul jew prodott xi

materjal indeċenti jew ipproduċa, qassam, xerred, importa, esporta, offra, biegh, issupplixxa, ittrasmetta, ghamel disponibbli, akkwista ghalih innifsu jew ghal haddiehor, jew wera dak il-materjal indeċenti ta' persuni ta' taht l-eta.

Art 208A ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Aktar talli fl-istess data, lok hin u ċirkustanzi akkwista, xjentament akkwista aċċess permezz ta' teknoloġiji ta' informazzjoni u komunikazzjoni ghal, jew kellu fil pussess tieghu, xi materjal indicenti li juri, jaghti stampa ta' jew jirrappreżenta xi persuna ta' taht l-età.

Art 208A(1B) ta' Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti;

Rat l-artikoli indikati 208A u 208A(1B) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Stante l-ammissjoni tal-imputat fi stadju bikri tal-proceduri u li kkonferma tali ammissjoni anke wara li nghata zmien opportun sabiex jikkonsidra l-pozizzjoni tieghu u stante l-età tenera tal-

imputat, il-Qorti qed issib lill-imputat Ryan Cassar hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tliet (3) snin mil-lum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Ryan Cassar l-ispjegazzjoni preskritta fl-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

_________________________________________

**Ft./Dr Claire L Stafrace Zammit B.A., LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**